# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF ROBERT MANGION
## ONOR. IMHALLEF GRAZIO MERCIECA

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 29 ta' Marzu, 2019**

**Numru 1**

**Rikors numru 65/17/1AF**

**Annetto Farrugia**

**v.**

**Avukat Generali u b'digriet tal-21 ta' Marzu 2018, il-Qorti ordnat li tissejjah fil-kawza "Olive Gardens Investments Limited"**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors tal-Appell tal-kjamata fil-kawża li permezz tiegħu qegħdha, għar-raġunijiet miġjubin fih, tappella minn digriet tal-Ewwel Qorti, mogħti kameralment fit-2 ta' Lulju 2018, li permezz tiegħu ċaħdet it-talba tagħha fir-rikors tal-10 t'April 2018 biex tordna li l-kawża tinstama' bl-urġenza, bid-dispensa tal-ferjat u bit-taqsir tat-termini;

Rat ir-Risposta tal-Appell tal-Avukat Ġenerali li jsostni li l-appell huwa infondat billi (i) il-kawza hija ta' natura "kostituzzjonali" u tinstama' bi speditezza u (ii) ma jeżistux il-presupposti oġġettivi tal-urġenza;

Rat ir-Risposta tal-Appell ta' Annetto Farrugia li prinċipalment isostni li (i) d-digriet tat-2 ta' Lulju 2018 huwa null għax (a) ġie mogħti qabel ma ngħata digriet dwar ir-rikuża u (b) ma nqarax bil-miftuħ; u (ii) ir-rikors tal-appell huwa null għaliex (i) la d-digriet huwa null, hekk ukoll huwa l-appell u (ii) m'hemmx appell minn digriet kamerali;

**Dwar l-eċċezzjoni tan-nullita` tar-Rikors tal-Appell**

Illi huwa minnu li billi l-iskop ta' kull preċett proċedurali hu li tinstab il-verita`, kull norma ritwali fil-proċess ġudizzjarju hija ta' ordni pubbliku. Huwa preżunt li l-ebda regola ta' proċedura ma qegħdha hemm jekk mhux għal dan l-iskop u għalhekk l-ebda regola bħal din m'għandha tiġi njorata. B'danakollu, dan ma jfissirx li kull deroga jew ksur ta' regola tal-proċedura twassal għan-nullita` tal-att. Il-liġi nnifisha tirregola l-effetti tal-ksur tar-regoli ritwali prinċipalment permezz tal-Artiklu 789 tal-Kap 12:

> "**789.** (1) L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata -
>
> (*a*) jekk in-nullità hija ddikjarata mil-liġi espressament;
>
> (*b*) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;

(*ċ*) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;

(*d*) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi:

"Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi (*a*), (*ċ*), u (*d*) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi.

"(2) L-eċċezzjoni ta' nullità ta' att, taħt is-subartikolu (1)(*ċ*), ma tistax tingħata, meta l-parti li tagħtiha tkun baqgħet tagħmel jew, għad li tkun taf biha, tkun ħalliet li jibqgħu jsiru atti oħra wara, mingħajr ma teċċepixxi dik in-nullità";

Illi l-ewwel raġuni li jagħtu l-appellati għan-nullita` tad-digriet tal-ewwel Qorti hu li ngħata kameralment minflok li nqara bil-miftuħ fil-Qorti;

Illi qari tal-Artiklu 789 ma jħalli l-ebda dubju li l-liġi nnifisha, għalkemm tħares bl-ikraħ lejn atti ġudizzjarji li ma jkunux konformi mar-rieda tal-leġislatur, tagħlaq għajn waħda u toffri għadd ta' sanatorji, saħansitra meta hija stess tiddikjara espressament in-nullita` tal-att. Dan il-liġi tagħmlu għaliex iżżomm quddiem għajnejha li d-dixxiplina formali tal-atti tal-proċess m'għandha qatt iġġib strument proċesswali fix-xejn, sakemm ma jiġux ippreġudikati l-jeddijiet fundamentali tal-partijiet. Per prinċipju, jekk l-ommissjoni ma tneħħix mill-att is-siwi biex jilħaq l-iskop li għalih jinħoloq, u fl-istess ħin joffri garanzija għall-jeddijiet tal-kontroparti, l-att m'għandux ikun iddikjarat null;

Illi fil-każ preżenti, għandna vjolazzjoni tal-forma, billi d-digriet tal-Ewwel Qorti sar kameralment minkejja li kellu jinqara bil-miftuħ. L-iskop li jinqara bil-miftuħ hu sabiex il-parti telliefa tkun taf bih minnufih u tkun f'qagħda li tappella minnu. F'dan il-każ in-nullita` mhix qiegħdha tiġi ssollevata mill-parti li għamlet it-talba li ġiet miċħuda, u għalhekk hemm dubju kemm l-appellat Farrugia għandu nteress jattakka d-digriet. Apparti dan, iżda, l-liġi f'dan il-każ tipprovdi hi stess li, meta d-digriet interlokutorju jkun ingħata *in camera* għandu "jitqies bħala li jkun inqara bil-miftuħ fil-qorti fid-data tal-ewwel seduta ta' dik il-kawża li tiġi minnufih wara li jkun ingħata"(Art. 229 (10) Kap 12). L-Ewwel Qorti fil-fatt żammet seduta l-għada li tat id-digriet u għalhekk il-vot tal-liġi *ex* Art. 229(2) li d-digriet jinqara bil-miftuħ huwa sodisfatt. Possibilment, kien ikun hemm nullita` tad-digriet in kwistjoni li kieku l-Ewwel Qorti għaddiet għas-sentenza bla ma żammet seduti oħrajn wara l-pronunzjament tar-rikuża, bħalma ġara f'**Maria Azzopardi v. Joseph Calleja –** 15.12.2003 Qorti tal-Appell, ippreseduta mill-Onor. Imħallef Philip Sciberras**;**

Illi t-tieni raġuni li jagħtu għan-nullita` tar-rikors tal-appell hu li ngħata minn digriet null minħabba li ngħata qabel provvediment tar-rikuża. Din il-Qorti taqbel ma' dak li jsostni l-appellat Farrugia li jixraq li deċiżjoni dwar rikuża ssir fil-bidu tal-proċediment, qabel ma' l-Qorti tibda tistrada l-kawża u partikolarment qabel ma tgħaddi biex tagħti xi digriet interlokutorju jew sentenza preliminari. Dan billi, mill-*punto di vista*

loġiko-ġuridiku, jekk ikun hemm lok li imħallef jirrikuża ruħu, m'għandu jgħaddi għal ebda deċiżjoni li tista' teffettwa parti jew oħra, għax il-miżien tal-ġustizzja ma jkunx, jew almenu ma jkunx jidher li jkun, invell. B'danakollu l-Qorti ma taqbilx mal-appellati li l-konsegwenza ta' nuqqas bħal dan hija n-nullita` insanabbli. Il-liġi mkien ma tordna li r-rikuża għandha tingħata qabel kull att ieħor fil-kawża u wisq inqas tippronunzja xi "nullita` insanabbli" tal-pronunzjamenti li jsiru qabel id-digriet tar-rikuża – salv il-fakulta` li ssir talba għar-revoka contrario imperio f'każ li l-kontro-parti ssofri xi preġudizzju. Dan kollu iżda huwa akkademiku għall-każ preżenti, fejn it-talba għar-rikuża ma ntlaqgħetx;

Illi għalhekk ir-rikors tal-appell huwa validu;

**<u>Dwar it-talba għal smiegħ bl-urġenza</u>**

Illi l-aggravju tal-appellanti hu li ċ-ċirkostanzi tal-każ huma tali li jimmeritaw li jiġi ttrattat bl-urġenza, anke għaliex qiegħed isofri preġudizzju rrimedjabbli bil-proċeduri interminabbli li qiegħed jiffaċċja. L-appellanti ssostni li permezz tad-digriet fuq imsemmi, l-Ewwel Qorti messha laqgħatilha t-talba għas-smiegħ tal-kawża bl-urġenza, billi minħabba l-pendenza tal-kawża qiegħda titlef flejjes kbar kuljum minħabba li hija prekluża milli tinnegozja dik li skond pronunzjament definittiv ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell, hija proprjeta` tagħha. Skont l-appellanti, hemm orjentament ġurisprudenzjali li jistabilixxi li jkun hemm

urġenza meta n-natura tal-każ tkun tali li tirrikjedi li jinstama' fil-pront[1], u li jrid ikun hemm preġudizzju irreparabbli, li għandu jinftihem f'sens relattiv, mhux assolut[2];

Issa l-kawża li l-appellanti qegħdha titlob li tinstama' bl-urġenza mhix kawża normali, imma waħda straordinarja dwar allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali tal-bniedem li l-liġi nnifisha tagħraf li għandha tiġi trattata bl-ikbar ħeffa:

(I) Artiklu 46(7) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li "jistgħu" isiru Regolamenti tal-Qorti (*Rules of Court*) li jipprovdu dwar il-prattika u proċedura tal-Qrati għall-finijiet tal-istess Artiklu – magħmul biex jiżgura t-twettiq ta' disposizzjonijiet protettivi għad-drittijiet tal-bniedem - li "għandhom ikunu maħsuba biex jiġi żgurat li l-proċedura għandha tkun b'rikors u illi s-smiegħ għandu jkun b'kull ħeffa possibbli";

(II) L-ewwel Regolamenti ħarġu fl-10 ta' Novembru 1964. Skont Avviż Legali 48/1964 li kien jirregola l-proċedura tal-Prim'Awla, fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha, il-kawża kellha titpoġġa għas-smiegħ mhux iktar tard minn tmint ijiem tax-xogħol mill-preżentata tar-rikors u tinstema' u tinqata' bl-iktar mod speditu possibbli (Regola 6). Fl-istess data nħareġ ukoll Avviż Legali 49/1964 li kellu regoli jixxiebħu applikabbli

[1] Bartoli v Semini Appell Superjuri Kollez. XXXII.ii.91
[2] Tabib John Baptist Pace v Joe Vella, Appell Superjuri 23.08.1977

għall-Qorti Kostituzzjonali. Fil-15 t'April 1993 dawn iż-żewġ settijiet ta' regolamenti ġew ikkonsolidati b'Avviż Legali 35 tal-1993 (illum 12.09 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja). Regola 6 llum taqra hekk: "Meta każ ikun tqiegħed għas-smigħ il-qorti għandha tiżgura li, konsistentement ma' l-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja, is-smigħ u d-disponiment tal-każ ikun b'ħeffa u s-smigħ tal-kawża għandu sa fejn hu possibbli jsir fi ġranet konsekuttivi, u, meta dan mhux possibbli, f'dati viċini."

(III) Fl-Avviż Legali 35 tal-1993, żdied ukoll Regolament 8:

(1) Il-kawżi li jsiru taħt il-Kostituzzjoni u taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll il-kawżi li għandhom jistemgħu bl-urġenza, għandhom jiġu appuntati għas-smiegħ wara nofsinhar kull meta dan ikun hekk meħtieġ sabiex ix-xogħol programmat tal-Qorti ma jitħarbatx, u dawn il-kawżi għandhom jibqgħu hekk jinstemgħu fi ġranet konsekuttivi sakemm jintemm is-smiegħ tagħhom u jibqgħu differiti għas-sentenzi.

(2) Il-proċedimenti imsemmija fir-Regola 2 ta' dawn ir-Regoli (proċeduri dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali), meta jinbdew bejn l-1 ta' Lulju u t-30 ta' Settembru ta' kull sena, jistgħu ma jiġux appuntati għas-smiegħ matul dawk it-tlett xhur jekk kemm-il darba l-Qorti jidhrilha li minnhom infushom ma jeħtiġux għaġġla partikolari u li ebda waħda mill-partijiet

ma tkun se ssofrti preġudizzju jekk l-appuntament isir fix-xahar ta' Ottubru";

(IV) Il-provvediment biex is-seduti jsiru wara nofshinhar tħalla barra meta r-Regoli ġew riveduti bl-Avviż Legali 279 kif emendat bl-Avviż Legali 333 tat-2008. Illum Artiklu 8 jaqra hekk:

"8. Bla ħsara ghad-disposizzjonijiet preċedenti ta' dawn ir- regoli, il-qorti tista' tagħżel li ma tappuntax għas-smigħ, bejn is-16 ta' Lulju u l-15 ta' Settembru ta' kull sena, il-proċedimenti msemmijin fir-regola 2 meta dawn ikunu nbdew f'dak il-perjodu msemmi jekk, fl-opinjoni tal-qorti, dawn il-proċedimenti min-natura tagħhom stess m'għandhomx għalfejn jiġu ttrattati b'xi għaġġla partikolari u ħadd mill-partijiet mhu ser isofri preġudizzju jekk is-smigħ isir wara l-15 ta' Settembru";

**(V) It-tifsira** tal-frażi "tinstema' u tinqata' bl-iktar mod speditu possibbli" li kienet tinsab fir-Regola 6 oriġinali ġiet speċifikata leġislattivament permezz tal-emenda li saret fl-istess Regola, li llum iżżid tgħid li "s-smigħ **tal-kawża għandu sa fejn hu possibbli jsir fi ġranet konsekuttivi, u, meta dan mhux possibbli, f'dati viċini**".

(VI) In-nuqqas li jiġi pprovdut smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli huwa jedd fundamentali minnu nnifsu (Art. 39(1) tal-Kostituzzjoni) iktar u iktar

meta si tratta ta’ smiegħ ta’ kawża dwar allegat ksur ta’ jeddijiet fundamentali;

Illi dan jagħrfu u jaċċettah l-appellant stess fir-rikors tal-appell tiegħu (ara paragrafu 9 fl-aħħar paragrafu ta’ paġna 5, fol. 364; u paragrafu 18 a fol. 367). Ġaladarba, kif għadu kif ġie spjegat, l-Ewwel Qorti hija diġa` marbuta li tisma’ l-kawża b’kull ħeffa possibbli kif saħansitra definita mil-liġi, huwa superfluwu li jintalab is-smiegħ bl-urġenza;

Għaldaqstant l-appell qiegħed jiġi miċħud; il-Qorti tordna ghalhekk tordna li l-att jintbghatu quddiem l-Ewwel Qorti ghat-tkomplija tal-kawza.

Spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Robert Mangion<br>Imhallef | Grazio Mercieca<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr